**14 ta' Mejju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Micallef et.

**Offiża għall-Pudur Publiku — Char-a-Banc — Post Publiku — Appell.**

*Jekk fuq akkuża ta' attentat vjolent għall-pudur, pretiż kommess f'char-a-banc, il-Maġistrat għamel enunċjazzjoni ġuridika fis-sens illi post jista' jkun publiku jew minn natura tiegħu stess, jew minħabba d-destinazzjoni tiegħu, jew b'aċċidentalità, meta jkollu l-karattru tal-publiċità minħabba l-potenzjalità li l-publiku jkun preżenti, din l-enunċjazzjoni hi korretta.*

*Anki l-enunċjazzjoni illi l-vetturi jidħlu f'din l-aħħar imsemmija*

*kategorija, u jsiru post publiku meta jkun hemm il-potenzjalità tal-aċċess tal-publiku, hi korretta.*

*Jekk mbgħad il-Maġistrat jgħaddi biex jeżamina jekk fil-fatt kienx hemm jew le din il-potenzjalità, u jidhirlu illi, bħala apprezzament ta' fatt, fil-każ partikulari ma kienx hemm il-potenzjalità tal-aċċess tal-publiku, u għalhekk jeskludi r-reat ta' offiża għall-pudur publiku, jiġi illi l-Maġistrat enunċja tajjeb l-ipotesi tal-liġi, u mbgħad applika dik l-ipotesi korretta għall-fatti; u dan l-apprezzament hu insindakabbli mill-Qorti tal-Appell.*

*Għax l-Ewwel Qorti ma qalitx li f'kull każ attijiet kommessi f'char-a-banc ma jitqiesux kommessi f'post publiku jew espost għall-publiku, imma qalet li fiċ-ċirkustanzi tal-fatt partikulari, fil-fattispeċje, ma kienx hemm din il-potenzjalità tal-aċċess. Wara li esponiet tajjeb il-prinċipji legali, l-Ewwel Qorti daħlet fil-fatti, u rriteniet, bħala apprezzament ta' fatt, li ma kienx hemm din il-potenzjalità. Dak hu apprezzament tal-Maġistrat; u l-Qorti tal-Appell mhix imsejħa biex tgħid jekk taqbelx jew le miegħu; u ladarba l-enunċjazzjoni tal-ipotesi tal-liġi hi tajba, għandha tieqaf hemm.*

*Appell minn sentenza simili, magħmul mill-Attorney General, huwa irritu u null.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputati quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja, talli f'tal-Pjetà u bnadi oħra, bejn il-11 p.m. u s-1 a.m., matul il-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Frar 1960, f'lok publiku jew espost għall-publiku, għamlu attentat vjolent għall-pudur fuq Veronica Ticehurst, persuna li għadha ma għalqetx l-età ta' 18 il-sena; fl-istess ħin u fl-istess postijiet, b'qerq u bi vjolenza, b'għemil żieni, ikkorrompew lill-imsemmija Veronica Ticehurst;

Rat it-talba tal-Attorney General tal-ewwel ta' Marzu 1960, li dik il-Qorti jogħġobha tiddeċidi bħala Qorti ta' Ġuudikatura Kriminali fuq il-ħtija li tista' tirriżulta mill-

attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputati taħt dak li hemm maħsub . . . . . . ;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti sedenti kif l-aħħar imsemmi, mogħtija fit-12 ta' Marzu 1960, li biha sabet l-imputat Gatt mhux ħati tar-reat ta' lenoċinju, u lliberatu minnha, u ddikjarat l-azzjoni kriminali kontra t-tliet imputati għar-reati l-oħra dedotti kontra tagħhom estinta minħabba f'rinunzja, u f'dan is-sens illiberathom;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Attorney General li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi riformata fis-sens li tiġi konfermata in kwantu li sabet li Giudeo Gatt mhux ħati tar-reat ta' lenoċinju, u tirrevokaha fejn iddikjarat l-azzjoni kriminali kontra t-tliet imputati għar-reati l-oħra dedotti kontra tagħhom estinta stante rinunzja u lliberathom, billi jiġi minflok dikjarat li l-imputati huma ħatjin ta' dawk ir-reati l-oħra u jiġu kundannati għall-piena xierqa skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża ssollevat l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità; liema preġudizzjali tista' wkoll tiġi elevata mill-Qorti "ex officio";

Dwar din il-preġudizzjali;

L-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni, li ma tistgħax tappella fil-każijiet kollha, iżda biss fil-każijiet indikati mil-liġi in materja, qiegħed jiġi bażat fuq l-allegazzjoni li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni skorretta tal-ipotesi tal-liġi in konnessjoni mal-pont jekk ix-char-a-banc, li fuqu ingħad li saru l-attijiet immorali, huwiex ossija le post espost għall-publiku għall-finijiet tar-reat ta' offiża għall-pudur publiku;

Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk dik il-Qorti għamletx, kif qed jiġi sottomess, enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi;

Issa, l-Ewwel Qorti enunċjat l-aspett ġuridiku billi qalet li, "in subjecta materia", "post jista' jkun publiku jew minn natura tiegħu stess, jew minħabba d-destinazzjoni tiegħu, jew b'aċċidentalità, meta jkollu l-karattru tal-publiċità minħabba l-potenzjalità li l-publiku jkun preżenti;

Issa, din id-dintinzjoni hija "in puncto legis" korretta, u hi dik li ġiet adottata minn din il-Qorti fil-ġurisprudenza tagħha (ara "Rex vs. Cucciardi", 21. 10. 1943, Q. Krim. bi tliet Imħallfin, A/Pres. Prof. Edg. Ganado, Imħallef mbgħad President Dr. Camilleri, u Imħallef Dr. Harding). Il-bażi tad-distinzjoni hu l-insenjament tax-Chassau fit-test tiegħu "Traité des delits et contraventions". Fil-ktieb "Trattato di Diritto Penale" tal-Pozzoloni, Professur pareġġjat tal-Università ta' Pisa, Ediz. Vallardi, Vol. "Dei delitti contro il buon costume", fil-paġ. 129, din id-distinzjoni tax-Chassau hi riportata, u jingħad:— "Questa distinzione è divenuta classica";

Kożikkè żgur li sa hawn il-Qorti tal-Ewwel Grad kienet korretta;

Mbgħad il-Maġistrat sedenti kompla jgħid:— "Il-vetturi jidħlu f'din l-aħħar kategorija, u jsiru post publiku, meta jkun hemm il-potenzjalità tal-aċċess tal-publiku";

Anki din l-enunċjazzjoni hi korretta. Il-Pozzoloni jinkludi fost il-"luoghi publici per accidentalità" il-vetturi publiċi jew privati ċirkolanti fuq it-trieq publika; u jgħid ukoll li dawn ma għandhomx "per sè stessi" l-karattru tal-publiċità, imma "possono prenderla in virtù della potenzialità che il pubblico sia in essi presente" — li hu dak li qal il-Maġistrat in prim-istanza;

Wara din l-enunċjazzjoni tal-liġi, li hi korretta, kif fuq intqal, il-Maġistrat mbgħad għadda biex jeżamina jekk fil-fatt kienx hemm jew le din il-potenzjalità, u deherlu li, peress li l-attijiet ġew kommessi f'char-a-banc mingħajr passiġġieri, meta ma kienx jaħdem fuq il-linja u għalhekk il-publiku ma kellux aċċess għalieh, li kien miexi kontinwa-

ment, kompletament fid-dlam, fil-waqt li l-imputati kienu bil-qegħda, il-ħin kien wara l-ħdax, u kunsidrat li, anki kieku kien hemm xi ħadd fit-trieq, ma setgħax jara dak li kien qed isir f'dawk iċ-ċirkustanzi, anki stante l-għoli tal-vettura, seta' jasal għall-konklużjoni, bħala apprezzament ta' fatt, li ma kienx hemm il-potenzjalità tal-aċċess tal-publiku, u għalhekk eskluda r-reat ta' offiża għall-pudur publiku;

Jiġi għalhekk, minn dan li ġie rilevat, li l-Ewwel Qorti enunċjat tajjeb l-ipotesi tal-liġi. Mbgħad applikat dik l-ipotesi korretta għal-l-fatti. Dan it-tieni stadju hu meru apprezzament, insindakabbli fl-appell;

Il-ġurisprudenza, li fuqha l-Attorney General ibbaża l-appell tiegħu, għandha tkun limitata għall-enunċjazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ipotesi tal-liġi, u ma għandhiex tiġi estiża oltre, u tiġi stirakkjata ndebitament;

Del resto, il-Maġistrat ma qalx affattu li, f'kull każ, attijiet kommessi f'char-a-banc ma jitqiesux kommessi f'post publiku jew espost għall-publiku, imma qal li fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-fattispeċje ma kienx hemm din il-potenzjalità tal-aċċess;

Kien sewwa li jsir mill-Maġistrat dan l-eżami. Anki f'każ ta' lok publiku "per destinazione", jeħtieġ li jsir eżami simili, per eżempju f'teatru. Il-Carrara, infatti, Progr. Parte Speciale, Vol. VI, para. 2949, p. 58, jgħid hekk:— "Vi sono certe località (per esempio i teatri) che sono pubbliche, ma pure a certe ore si tengono chiuse; e se in tali ore il custode colà usi dimestichezza con donna il luogo ai fini presenti dovrà tenersi come privato";

U fil-"Giornale di Merin" hemm riportata deċiżjoni tal-Corte d'Angers tal-24 ta' Mejju 1869, li fiha ġie ritenut, bħala fatt, li vagun miexi, u li hu parti ta' trenu, hu post publiku ("un vagon de chemin faisant partie d'un train en marche"); naturalment għax jistgħu jaċċedu nies minn partijiet oħra tat-trenu;

Dak li għandu jiġi riċerkat hu l-possibbiltà li wieħed jara dak li qed isir (ara Blanche, Cinquieme Etude, no. 76, p. 65). "In questo reato", jgħid il-Carrara, "si calcola la potenza". Issa, f'dan il-każ, il-Maġistrat, wara li espona tajjeb il-prinċipji legali, daħal fil-fatti tal-każ, u rritjena, għalhekk apprezzament ta' fatti, li ma kienx hemm din il-possibbiltà. Dak hu apprezzament tiegħu, u din il-Qorti mhix imsejħa biex tgħid jekk taqbelx jew le; u ġa ladarba l-enunċjazzjoni tal-ipotesi tal-liġi hi tajba, għandha tieqaf hemm;

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità hi fondata;

Per konsegwenza, tiddeċidi billi tilqa' dik l-eċċezzjoni, u tiddikjara l-appell tal-Attorney General irritu u null; u f'dan is-sens tirrespinġieh.